**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru, 2001**

**Numru** 10

**Citaz. Nru.** 886/86 FD

**Gorgina mart l-istess Joseph Gauci kif awtorizzata li tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet tas-Sekond' Awla tas-26 ta' Awissu, 1986, f'isimha proprju u ghan-nom ta' uliedha minuri Stephen ta' disa' (9) snin, Adrian ta' hames (5) snin u Daniel ta' tliet (3) snin, nominata kuratrici *ad litem* taghhom b'digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru, 1986.**

**Vs**

**Joseph Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet resa impossibbli minhabba adulterju, ingurji gravi, swat kontinwu u ta' spiss, sevizzji u mohqrija kbira kif ukoll insulti da parti tal-konvenut;

Premess illi wkoll il-konvenut, b'mohqrija kbira, kapriccjozament naqas illi jaghti kwalunkwe forma ta' manteniment la lill-attrici u lanqas lil uliedha ghal dawn l-ahhar erba' (4) xhur;

Premess illi nonostante l-isforzi kollha ta' l-attrici sabiex ssalva dan iz-zwieg, u ir-rikonciljazzjonijiet illi saru u s-sagrificcji illi hija ghamlet; il-konvenut ma biddilx l-imgieba tieghu;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti u dana b'tort unikament tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha, ghat-tliet uliedha Stephen, Adrian u Daniel tfal minuri, dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita ghaliha u ghal

uliedha u dana bil-modalitajiet li jigu stabbiliti, inkluza dik illi kwalunkwe rata ta' alimenti tithallas direttament mill-*employer* governattiv jew privat tal-konvenut mill-paga ta' l-istess konvenut, lill-attrici;

3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 56 u 57 tal-Kodici Civili;

5. Tafda l-kura u kustodja tat-tlett itfal minuri Stephen, Adrian u Daniel lill-istess attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha tas-Sekond' Awla, tal-mandat ta' sekwestru tas-17 ta' Settembru 1986, u dak ta' inibizzjoni ta' l-20 ta' Gunju 1986, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien stabbilit mil-ligi, u meta talab biex jiggustifika l-kontumacja tieghu din giet michuda;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 1987 li permezz tieghu l-Qorti nnominat l-avukat Dr.

Joseph Micallef Stafrace bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Ikkonsidrat li fil-mori ta’ din il-kawza giet ipprezentata kawza ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 1157/93 u li l-partijiet u d-difensuri qablu li l-provi li jingabru f’kawza wahda jkunu applikabbli ukoll ghall-kawza l-ohra;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali li tinsab a fol 296 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-7 ta' Ottubru 1998, fejn l-istess espert stqarr li huwa ma kienx sejjer jirrelata wkoll fil-kawza l-ohra imsemmija cioe` citazzjoni numru 1157/93 peress li l-meritu kien l-istess;

Rat in-nota tal-konvenut wara r-rapport peritali u d-domandi li l-attrici ghamlet bil-miktub lill-istess espert, kif ukoll ir-risposti tieghu;

Rat in-nota kongunta pprezentata mill-kontendenti fl-20 ta’ Gunju, 2001;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici intavolat din il-kawza fejn talbet li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali taghha minn mal-konvenut zewgha u dan minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut liema htijiet jinkludu wkoll l-adulterju u ghamlet ukoll is-soliti domandi li jsegwu talba bhal din u cioe` dwar il-beni, il-manteniment u l-ulied;

Illi jrid jigi osservat illi l-konvenut f'din il-kawza baqa' kontumaci, izda aktar tard huwa intavola kawza fl-ismijiet inversi b'talbiet opposti u fiha gie wkoll nominat l-istess espert gudizzjarju u ghalhekk il-kawzi mxew flimkien b'mod li t-twegibiet ta' l-attur huma wkoll inkluzi fil-konsiderazzjonijiet maghmula mill-espert legali u minn din il-Qorti; il-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi cioe` dik imsemmija bin-numru 1157/93 qeghda wkoll qed tigi deciza llum u ghal kull buon fini ssir referenza ghaliha;

Illi din il-kawza hadet tant snin biex tigi diterminata, anke minhabba d-diffikultajiet li jirrizultaw mill-ezami tal-verbali, l-aktar peress li l-partijiet ma qablux dwar il-fatti tal-hajja taghhom u ghazlu li jikkontrobattu lil xulxin f'kull dettal moghti mill-parti l-ohra;

Illi wara li l-partijiet kienu ezawrew il-provi kollha taghhom dwar il-meritu tal-vertenza ta' bejniethom u spjegaw skond kif dehrilhom huma ic-cirkostanzi tal-hajja taghhom, huma xorta wehlu

dwar dak li kellu jigri mid-dar matrimonjali; kien anki nnominat espert tekniku u saru bosta u bosta proposti u kontro-proposti. Dawn kienu jinkludi kemm il-possibilita` tal-bejgh assolut tad-dar matrimonjali u d-divizjoni tar-rikavat, kif ukoll li l-istess fond jinbiegh lil xi parti jew ohra, u fl-ahhar kien hemm ukoll anke suggeriment li d-dar matrimonjali tinqasam f'zewg *units* biex kull parti jkollha l-possibilita` li tibqa' tabita fiha;

Illi wara hafna hela taz-zmien, l-intervent sod taz-zewg abbli difensuri wasslu lill-partijiet biex jiftehmu dwar il-kontenut ta' nota pprezentata minnhom it-tnejn fl-20 ta' Gunju ta' din is-sena fejn qablu dwar il-bicca l-kbira tal-kwistjonijiet izda mhux fuq il-punti kollha; huma pero` qablu li l-punti li ma ftehmux fuqhom gew indikati u talbu illi l-Qorti tiddeciedi dwarhom wara li fis-sentenza taghha tinkorpora il-punti li fuqhom kien hemm ftehim; hallew l-ahhar diffikultajiet ghad-diskrezzjoni ta' l-istess Qorti u dawn id-divergenzi kienu jirrigwardaw id-dar matrimonjali u l-kontijiet pendenti ghas-servizzi moghtija lid-dar imsemmija;

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tikkonsidra u tiddeciedi dwar it-talbiet li fuqhom kien intlahaq ftehim u t-termini ta' dan il-ftehim ser ikunu inkorporati f'din is-sentenza;

Illi jidher li dwar id-dar matrimonjali il-partijiet qablu li l-attrici izzomm ghaliha is-sehem taghha cioe` in-nofs indiviz tad-dar bl-isem "Golden Ring" Triq il-Mahlut, Hal Lija, waqt li l-konvenut kien ser jirrinunzja ghan-nofs tieghu b'dan illi jimpenja ruhu li jassenja dan in-nofs

ugwalment bejn it-tlett ulied tal-kontendenti ossia Stephen, Adrian u Daniel.

Illi huma qablu wkoll "*illi l-attrici mara tibqa' tgawdi tul hajjitha kollu l-uzu u l-abitazzjoni ta' l-istess dar*";

Illi l-ewwel punt li jrid jigi konsiderat huwa t-talba ta' l-attrici illi oltre dak li intqal, l-ulied li kienu qeghdin jghixu maghha fid-dar kellhom jitilqu jghixu band' ohra hekk kif jizzewgu jew hekk kif jaghzlu li jizzewgu jew jikkoabitaw ma' terza persuna; il-konvenut oppona ghal dan id-dritt peress li hu "*ma jridx jaghmel kundizzjonijiet fuq uliedu fid-donazzjoni tieghu lilhom tas-sehem tieghu mid-dar matrimonjali*";

Illi dwar dan il-punt il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni c-cirkostanza kollha tal-kaz u anki l-karattri tal-kontendenti u hija tal-fehma li jkun ghaqli li t-talba ta' l-attrici tigi akkolta; dan qed jinghad ukoll peress li ma tidhirx gustifikata d-diffikulta mqajma mill-konvenut dwar l-effett tad-donazzjoni li huwa kien ser jaghmel favur uliedu; l-attrici kienet ser tibqa' tabita fid-dar u d-dritt ta' l-ulied fuq il-proprjeta` mhux ser jigi mittiefes;

Illi t-tieni punt illi dwaru ghandha tiddeciedi din il-Qorti jirrigwarda l-kontijiet illi ghadhom pendenti ghal servizzi forniti lid-dar matrimonjali; il-konvenut jopponi li jhallas il-kontijiet peress li dawn gew inkorsi fil-perjodu meta huwa kien allontana ruhu mid-dar matrimonjali;

Illi l-Qorti kkonsidrat it-termini generali tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti u ghalkemm tifhem li l-konvenut ma baqax jghix fid-dar matrimonjali (wara hafna glied u proceduri gudizzjarji li jirrizultaw mill-atti ta' din il-kawza), hu kellu l-obbligu li jiehu hsieb id-dar u l-familja u ghalhekk il-Qorti tifhem li l-konvenut ghandu jhallas zewg terzi tal-kontijiet pendenti sallum waqt li l-attrici ghandha thallas it-terz l-iehor;

Illi t-tielet punt li dwaru l-kontendenti ma ftehmux huwa forsi l-aktar wiehed impenjattiv; l-attrici talbet li jkollha l-fakolta li "*meta thoss il-bzonn*" tista' tbiegh il-fond imsemmi, u l-ulied ikunu jistghu jiehdu s-sehem taghhom mir-rikavat. Konsiderazzjoni tat-termini u tad-diffikultajiet li nqalghu sakemm il-partijiet b'diffikulta lahqu l-ftehim imsemmi, tindika li l-konvenut ceda sehmu lil uliedu proprju biex huma jkunu assigurati mid-dar li ghixu fiha sa issa – kieku kienet konsiderazzjoni ta' flus, allura certament wiehed kien jistenna li anki l-attrici taghmel l-istess. Fl-isfond ta' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici m'ghandhiex tinghata din il-fakolta.

Il-Qorti,

Ghalhekk tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Gauci u dan anki peress li l-hajja ta' bejniethom saret impossibbli minhabba nkompatibilita` tal-karattri;

Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-Tieni Domanda peress li l-ulied illum saru maggorenni pero` tilqaghha in kwantu tirreferi ghall-manteniment dovut lill-attrici personali u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar;

Tilqa' t-Tielet Domanda u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha billi tiddikjara illi tikkonsisti fid-dar matrimonjali bl-isem "Golden Ring" Triq il-Mahlut, Hal Lija, il-vettura Isuzu Gemini bin-numru LAN-864, il-kontijiet bankarji li huma intestati f'isem il-kontendenti personalment kif ukoll it-tlett kontijiet bankarji mal-bank HSBC f'isem il-konvenut izda ghan-nom tat-tlett uliedhom, l-ammont li kien ircieva l-konvenut meta spicca mill-impjieg, l-ghamara li hemm fid-dar matrimonjali u dik li ha l-konvenut, kif ukoll ir-ritratti ta' l-ulied li prezentement jinsabu fil-pussess ta' l-attrici;

Tiddividiha billi tassenja lill-istess attrici n-nofs tal-proprjeta` tad-dar matrimonjali imsemmija,u l-intier ta' l-ghamara u l-oggetti kollha li prezentement jinsabu fl-istess dar, id-dritt ta' l-uzu u abitazzjoni tad-dar matrimonjali ghan-nofs indiviz l-iehor, il-kontijiet bankarji li huma intestati f'isimha kif ukoll in-nofs indiviz tal-vettura Isuzu Gemini bin-numru LAN-864 b'mod li l-attrici issir issa proprjetarja assoluta ta' l-istess karozza; l-attrici qed tigi kkundannata biex tirritorna r-ritratti li ghandha tat-tfal tal-kontendenti u dan lill-istess tlett ulied, u taghmel tajjeb ghad-dejn li setghet

dahlet fih minghajr il-kunsens tal-konvenut; hi qed tigi wkoll ikkundannata billi taghti d-dritt lit-tlett ulied li prezentement jinsabu maghha biex ikomplu jghixu maghha fl-istess dar liema dritt huma pero` jitilfu rrevokabilment meta jaghzlu illi jizzewgu jew li jikkoabitaw;

Lill-konvenut qed jigu assenjati l-flus kollha illi huwa ppercepixxa meta spicca mill-impjieg, l-ghamara u l-oggetti kollha illi prezentement jinsabu fil-pussess tieghu, il-kontijiet bankarji li huma intestati f'ismu b'dan pero` illi t-tlett kontijiet li kienu infethu ghat-tlett ulied ghandhom jigu moghtija lill-istess ulied; in-nofs indiviz tad-dar matrimonjali b'dan pero` li huwa qed jigi kkundannat illi fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, huwa permezz ta' att nutarili jikkoncedi b'titolu ta' donazzjoni dan is-sehem indiviz tieghu lit-tlett uliedu Stephen, Adrian u Daniel fi kwoti ndaqs bejniethom; huwa wkoll obbligat illi jiffirma d-dokumenti kollha necessarji biex l-imsemmija vettura tigi trasferita f'isem l-attrici u l-licenzji tat-television jinhargu wkoll f'isimha;

Tiddeciedi r-Raba' Domanda billi tiddikjara li l-kontendenti tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba in kwantu tirreferi ghall-artikoli ohra citati;

Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-Hames Domanda peress li t-tlett itfal ma ghadhomx minuri.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti b'dan li stante li l-attrici hallset l-ammont ta' tlett mija u hmistax-il lira Maltin (Lm315) ghar-rapport peritali, il-konvenut ghandu jirrifondilha nofs dan l-ammont.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur